

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1345

tat-28 ta' Ġunju 2021

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Arġentina, l-Awstralja, il-Kanada, il-Costa Rica, l-Indja, Iżrael, il-Ġappun, New Zealand, il-Korea t'Isfel, it-Tuneżija u l-Istati Uniti bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ jistabbilixxi l-possibbiltà li jingħata aċċess għas-suq tal-Unjoni għal prodotti organiċi minn pajjiżi terzi li jkunu ġew rikonoxxuti fi ftehim kummerċjali li għandhom sistema ta' produzzjoni li tissodisfa l-istess objettivi u prinċipji billi jiġu applikati regoli li jiżguraw l-istess livell ta' assigurazzjoni tal-konformità ta' dawk tal-Unjoni.
- (2) F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848, ir-rikonoxximent ta' pajjiżi terzi għall-fini tal-ekwivalenza ta' pajjiżi terzi abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ⁽²⁾ ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2026. Għaldaqstant jeħtieġ li jinfetħu n-negozjati biex jiġu konklużi ftehimiet dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi ma' ċerti pajjiżi terzi kkonċernati.
- (3) F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 834/2007, il-Kummissjoni stabbilixxiet lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti fl-Anness III għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 ⁽³⁾.
- (4) Il-kummerċ ta' prodotti organiċi bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera huwa kopert fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli ⁽⁴⁾ ("il-Ftehim mal-Iżvizzera"). L-Iżvizzera għet elenkata fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għall-fini ta' trasparenza. Il-Ftehim mal-Iżvizzera jipprevedi mekkaniżmu għall-aġġornament tal-ftehim f'każ li jsiru bidliet fil-liġijiet u fir-regolamenti ta' xi waħda mill-partijiet. Għaldaqstant mhuwiex meħtieġ li jinfetħu n-negozjati mal-Iżvizzera.
- (5) Iċ-Ċili huwa rikonoxxut bħala pajjiż terz ekwivalenti permezz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi ⁽⁵⁾ ("il-Ftehim maċ-Ċili"). Iċ-Ċili għet elenkat fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għall-fini ta' ċarezza. Il-Ftehim maċ-Ċili jipprevedi l-possibbiltà li r-rikonoxximent jiġi addattat f'każ li jsiru bidliet fil-liġijiet u fir-regolamenti ta' xi waħda mill-partijiet. Għaldaqstant mhuwiex meħtieġ li jinfetħu n-negozjati maċ-Ċili.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25).

⁽⁴⁾ ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.

⁽⁵⁾ ĠU L 331, 14.12.2017, p. 4.

- (6) Il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ⁽⁶⁾, stabbilixxa r-rikonoxximent reċiproku tal-ekwivalenza tal-liġijiet u r-regolamenti attwali dwar il- prodotti organiċi u r-rikonoxximent tas-sistemi ta' kontroll taż-żewġ partijiet fil-Ftehim. L- Anness 14 ta' dak il-Ftehim dwar il-prodotti organiċi jipprevedi li, minħabba l-fatt li r-Regolament (UE) 2018/848 irid japplika mill-1 ta' Jannar 2022, ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza irid jerġa' jiġi vvalutat minn kull Parti sal-31 ta' Diċembru 2023. Għaldaqstant mhuwiex meħtieġ li jinfetħu n-negozjati mar-Renju Unit.
- (7) Għalhekk jenħtieġ li jinfetħu n-negozjati mal-Arġentina, mal-Awstralja, mal-Kanada, mal-Costa Rica, mal-Indja, ma' Iżrael, mal-Ġappun, ma' New Zealand, mal-Korea t'Isfel, mat-Tuneżija u mal-Istati Uniti bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi.
- (8) Biex l-Unjoni tkun tista' tkompli timxi bir-relazzjonijiet reċiproċi ma' pajjiżi terzi fir-rigward tal-kummerċ ta' prodotti organiċi, jixraq li jiġu stabbiliti d-direttivi għan-negozjar ta' ftehimiet li jippermettu lill-Unjoni u lill-pajjiżi terzi ikkonċernat jirrikonoxxu l-ekwivalenza tal-istandards tas-sistemi tal-produzzjoni organika u tas-sistemi tal-kontrolli tagħhom,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. B'dan, il-Kummissjoni hija awtorizzata li tiftaħ negozjati mal-Arġentina, mal-Awstralja, mal-Kanada, mal-Costa Rica, mal-Indja, ma' Iżrael, mal-Ġappun, ma' New Zealand, mal-Korea t'Isfel, mat-Tuneżija u mal-Istati Uniti bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi.
2. In-negozjati għandhom jitmexxew abbażi tad-direttivi ta' negozjati tal-Kunsill stipulati fl-Addendum għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

In-negozjati għandhom isiru b'konsultazzjoni mal-Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-28 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
M. do C. ANTUNES

⁽⁶⁾ ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.